**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 771/2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Carmel Montebello**
**-omissis-**
**Joseph Montebello**
**Angelo Montebello**
**-omissis-**
**-omissis-**

**Illum, 09 t'Ottubru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Carmelo Montebello**, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 142663M.

**-omissis-**

**Joseph Montebello**, detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 728636M.

**Angelo Montebello**, detentur tal-karta ta' L-Identita' 728636M.

**-omissis-**

**-omissis-**

Lil Carmelo Montebello, -omissis-, Joseph Montebello u Angelo Montebello in rapprezentanza tas-socjeta' Montebello Enterprises Ltd u fil-kapacita' tagħhom bħala diretturi tal-istess socjeta' u lil –omissis- u –omissis-, akkuzati talli:

> f'dawn il-Ġżejjer, f'diversi jiem fis-snin 1998 u 1999, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
>
> B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamiltu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejtu b'qerq ieħor, ingannajtu jew billi urejtu ħaġa b'oħra sabiex iggiegħlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila setgħa fuq haddieħor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamiltu qligħ li jeċċedi l-elf lira Maltin (LM1000) għad-detriment ta' diversi sidien ta' vetturi mixtrija mingħand Montebello Enterprises Ltd;

Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi, xjentement għamiltu użu minn dikjarazzjonijiet jew ċertifikati foloz;

U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, għamiltu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamiltu użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

Lil Carmelo Montebello, -omissis-, Joseph Montebello, Angelo Montebellu u -omissis- akkuzati talli:

fl-istess ċirkostanzi għamiltu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqtu pattijiet, dispozizzjonjiet jew obbliġi foloz jew ħelsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kien ġew iffirmati, inkellha billi żidtu jew biddiltu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi, xjentement għamiltu użu minn att, kitba jew skritturi falza;

Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi, billi għamiltu użu mhux sewwa minn xi karta fdata lilkom in bjank bil-firma biss, bi ħsieb ta' qligħ, ktibtu fuqha xi ħaġa li kienet ta' ħsara għal persuni oħra;

U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, sabiex tiksbu xi vantaġġ jew beneficcju għalikom jew għal haddiehħor, f'xi dokument

maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamiltu dikjarazzjoni jew staqrrija falza, jew tajtu tagħrif falz.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija fir-rigward ta’ Carmelo Montebello, -omissis-, Joseph Montebello u Angelo Montebello, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tapplika l-provvediment ta’ l-Artikolu 121D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija finalment gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-każ, f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-procedura hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.”

Rat l-atti.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali.

Rat il-kunsens tal-imputati moghti fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2009 sabiex il-kaz taghhom ikompli jinstema’ minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-28 t’April 2011[1].

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ghan-nom tal-imputat Angelo Montebello tas-27 ta’ Mejju 2011[2].

---

[1] A folio 248 tal-process.
[2] A folio 272 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ghan-nom tal-imputati Carmelo Montebello u Joseph Montebello tas-27 ta' Mejju 2011[3].

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-12 ta' Lulju 2018 dwar l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet orali ulterjuri ghan-nom tal-imputati fis-seduta tad-19 ta' Frar 2019[4].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Provi**

**L-Ispettur Angelo Gafa**' xehed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004[5] fejn spjega li Armando Bugeja tramite kwerela iffirmata mill-Avukat Dr. Edward Gatt allega li huwa kien xtara van tat-tip *Toyota Hilux* bin-numru ta' registrazzjon JBB-602 minghand *Charles Autodealer*. Skont il-*log book*, il-vettura kienet manifatturata fis-sena 1995 izda l-istess kwerelant sar jaf li s-sena ta' manifattura kienet fil-fatt 1991. *Charles Autodealer* gie mitkellem mill-istess kwerelant izda stqarr li ma kien jaf xejn dwar din il-kwestjoni.

Il-Pulizija Ezekuttiva tat bidu ghal investigazzjoni in segwitu ghal kwerela fejn mid-Dipartment tal-Licenzji, Silvana Bartolo, *Assistant Manager* tal-istess Direttorat mil-*file* tal-istess vettura bin-numru 47702, irrizulta mil-*log book* Giappuniz u cioe' dak originali li s-sena ta'

[3] A folio 275 tal-process.
[4] Il-Prosekuzzjoni irrimettietruhha ghan-nota gia prezentata.
[5] A folio 32 sa 42 tal-process

manifattura kienet Settembru 1991 izda s-sena ta' manifattura fl-ewwel *log book* li hareg f'Malta kienet 1995. Din l-informazzjoni giet riflessa ukoll fil-*computer* fejn is-sena giet emendata biss ghal 1991 wara li l-istess kwerelant ghamel rapport mal-istess Dipartiment.

Silvana Bartolo spjegat fid-dettal lix-xhud il-process li tghaddi minnu vettura minn meta tigi importata sakemm tohrog fuq is-suq li jikkonsisti f'tlett (3) fazijiet:

- Il-vettura importata tigi registrata;
- Tithallas it-taxxa;
- Jinahrgu l-pjanci bin-numru ta' registrazzjoni u l-ewwel *log book* wara li jigi pprezentat ic-certifikat ta' assikurazzjoni.

Mill-investigazzjoni l-Ispettur Gafa' spjega li fir-rigward tal-vettura in kwestjoni bejn it-tieni u t-tielet fazi is-sena ta' manifattura kienet imbiddlet mil-1991 ghal 1995 ghalkemm in-*Notice of Importation* ipprezentata minn *Montebello Enterprises Limited* lill-istess Dipartiment is-sena kienet 1991, il-*log book* hareg bis-sena 1995. Irrizulta li t-tibdil fis-sena ta' manifattura kien sehh fi hdan l-istess Dipartiment fejn l-ewwel *log book* inhareg minn *user name Salim 004* li kien jappartjeni lil Mildred Pace[6].

Mill-lista ta' vetturi importati minn *Montebello Enterprises Ltd* fuq medda ta' tmien (8) xhur min April sa' Dicembru 1998, hamsa u erbghin (45) vettura kellhom is-sena ta' manifattura mibdula ghal sena aktar ricenti, liema *log books* inhargu kollha minn Mildred Pace.

[6] Mildred Saliba mizzewga Pace

Mitkellma Mildred Pace[7] fit-3 ta' Awwissu, 2004, mix-xhud, huwa spjega li wara li inghatat is-solitu twissija hija rrilaxxat stqarrija volontarjament fejn spjegat li kienet konsapevoli dwar ir-responsabbilitajiet taghha sabiex tara li d-dettalji mahrugin fuq il-*logbook* huma korretti u kkonfermat li fis-sena 1998 hija irceviet flus minghand l-imputat John Farrugia bejn ghaxar Liri (Lm10) u hamsin Lira (Lm50) ghal kull vettura li hija inserit id-dettalji skorretti fil-*log book.*

Hija ikkonfermat li l-*user name Salim 004* kien jappartjeni lilha, qatt ma tatu lil haddiehor u li l-*password* kienet tinbidel regolarment minhabba ragunijiet ta' sigurta`. Fir-rigward tal-vettura in kwestjoni hija ikkonfermat li s-sena ta' manifattura kif imnizzla fil-*logbook* originali kienet l-1991 izda s-sena ta' manifattura fl-ewwel *logbook* mahrug f'Malta kienet l-1995.

John Farrugia[8], fl-10 ta' Awwissu 2004 gie mitkellem mix-xhud, fejn inghata s-solitu twissija u irrilaxxa stqarrija volontarjament. Huwa spjega lix-xhud li ghamel madwar ghaxar (10) snin inkluz is-sena 1998 jahdem mas-socjeta` *Montebello Enterprises Ltd* fejn kien responsabbli sabiex imur fid-Dipartiment tal-Licenzji u jiehu hsieb ir-registrazzjoni tal-karozzi godda. Huwa ikkonferma li f'diversi okkazzjonijiet fuq struzzjonijiet tal-imputat Charles Montebello huwa kien offra l-flus lil impjegati tal-istess Dipartiment sabiex toltera d-dettalji ta' manifattura fuq l-*logbooks*, izda kien imur ghand l-imputata Mildred Pace ghax hi biss kienet taqdih. Il-flus kien igibhom minghand martu Joanne li kienet tahdem fl-*Accounts Department* tal-istess socjeta` bl-approvazzjoni tal-imputat Charles Montebello.

[7] Dok. AG1 – A folio 43 sa 46 tal-process
[8] Dok. AG2 – A folio 47 sa 49 tal-process

L-imputat Carmelo Montebello[9], fl-10 ta' Awwissu 2004 gie mitkellem mix-xhud, fejn inghata s-solita twissija u irrilaxxa stqarrija. Huwa stqarr max-xhud li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn talab lil John Farrugia jqabbad lil impjegat mid-Diaprtiment tal-Licenzji sabiex jirranga d-data ta' manifattura peress li dak iz-zmien, "*kien perjodu ta' kompetizzjoni intensiva u b'dan il-mod setgha itejjeb is-sales tal-kumpanija tieghu.*[10]"

Joanne Farrugia Montebello[11], Direttur tas-socjeta` in kwestjoni, fil-11 ta' Awwissu 2004 giet mitkellma mix-xhud fejn inghatat s-solita twissija u irrilaxxat stqarrija. Hija stqarret max-xhud li kienet tghaddi l-flus lir-ragel taghha John, liema ammont kien bejn ghoxrin u erbgha u ghoxrin Lira (Lm20-Lm24) izda ma kienx jeccedi l-ammont ta' sittin Lira (Lm60) kuljum, liema flejjes zewgha kien jghidilha li kienu intizi ghat-*tips* ghal impjegati tad-Dipartiment tal-Licenzji. Dawn il-flejjes kienu jghaddu ghad zewgha bl-approvazzjoni ta' huha l-imputat Charles Montebello li kien responsabbli ghal importazzjoni tal-vetturi mill-Gappun.

L-imputat Angelo Montebello[12], Direttur Manigerjali tas-socjeta` in kwestjoni, f'zewg okkazjonijiet gie mitkellem mix-xhud fejn irrilaxxa zewg stqarrijiet. Huwa stqarr max-xhud li ghalkemm kellu din il-kariga fis-socjeta` huwa ma tantx kien konsapevoli ta' certu affarijiet, kien ibnu Charles li kienu responsabbli ghal importazzjoni ta' dawn il-vetturi u x-xoghol ancillari fejn sahansitra lanqas kienu jitkellmu. Huwa cahad li qatt iffirma n-*notices of importation* ghalkemm igibu l-firma tieghu, li mar d-Dipartiment tal-Licenzji u li ta l-awtorizazzjoni sabiex persuna tiffirma f'ismu izda spjega li karozza iggib aktar valur meta tinbidel id-

[9] Dok. AG3 – A folio 50 sa 51 tal-process
[10] A folio 38 tal-process
[11] Dok. AG4 – A folio 52 sa 54 tal-process
[12] Dok. AG5 – A folio 55 sa 56 tal-process; Dok. AG6 - A folio 57 sa 58 tal-process

data tal-manifattura peress li ma kull sena li tghaddi vettura titlef mill-valur taghha.

Ian Farrugia, Impjegat fid-Dipartiment tal-licenzji gie mitkellem mix-xhud fejn stqarr li fid-Dipartiment rari kien jara lil Angelo Montebello izda kien jara lil John Farrugia. Huwa sahaq li l-firma tieghu hdejn dik ta' Angelo Montebello ma kentix tirrifletti *witness to signature* izda sempliciment konferma li huwa rcieva n-*notice of importation*. Di fatti huwa sahaq li dawn id-dokumenti kienu jkunu diga' iffirmati meta jircevihom hu.

Joesph Montebello[13], Direttur tas-Socjeta` in kwestjoni, fil-25 ta' Awwissu 2004 gie mitkellem mix-xhud fejn inghata s-solita twissija u irrilaxxa stqarrija volontarjament. Ix-xhud stqarr li ghalkemm kien jokkupa l-pozizzjoni ta-Direttur fi hdan l-istess socjeta`, xoghlu kien ta' *vulcaniser*, relatat ma' *tyres* u mhux mas-sezzjoni tal-kumpanija relatata mal-importazzjoni tal-vetturi u konsegwentement ma kienx jaf x'inhu ghaddej fir-rigward ta' din il-kwestjoni.

L-Ispettur Angelo Gafa' spjega li huwa tkellem ma' vittmi ohra fosthom Louis Herbert Saliba proprjetarju tal-vettura *Toyota* bin-numru ta' registrazzjoni IBC-841 li fis-sena 1998 xtara vettura minghand *Montebello Enterprises Ltd* fejn Charles Montebello kien qallu li s-sena ta' manifattura kienet l-1995 izda sitt (6) xhur wara skopra li kienet manifatturata fl-1991. Joseph Baldacchino proprjetarju tal-van *Toyota* bin-numru ta' registrazzjoni JMB-004 ukoll stqarr max-xhud li ghalkemm mil-*logbook* kien jidher li s-sena ta' manifattura kienet l-1995, hmistax (15) wara induna li filfatt is-sena ta' manifattura kienet l-1992. Iz-zewg persuni sahhqu max-xhud li ghalkemm kienu affaccaw lil Charles Montebello fuq din il-kwestjoni huwa nnega kollox.

[13] Dok. AG10 – A folio 61 sa 62 tal-process

Ix-xhudipprezenta hamsa u erbghin (45) *computer trail*[14] b'informazzjoni relattiva ghall-ewwel *log book* li inhareg, il-*user name* u s-*system file* kif ukoll il-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta` *Montebello Enterprises Limited*[15] u hamsa u erbghin (45) *files*[16] tad-Direttorat tal-Licenzji relatati mal-vetturi in kwestjoni.

**PC 474 Norbert Said**, stazzjonat *Economic Crimes Unit* xehed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004[17] fejn muri l-istqarrija ta' Angelo Montebello u Carmelo Montebello huwa kkonferma li fil-prezenza tieghu huma inghataw is-solita twissija u irrilaxxja l-stqarrija filwaqt li gharaf l-firma tal-Ispettur Angelo Gafa', il-firma tieghu u taz-zewg imputati Montebello.

**Armando Bugeja**, xehed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2004 fejn huwa spjega li madwar erba' (4) snin ilu kien xtara van tat-tip *Toyota Pick-Up* minghand *Charles Autodealer* sitwit fil-Bypass ta' Bikrikara fl-ammont ta' sebat elef Lira (Lm7,000) li kien informah li l-van kien tas-sena 1995. Wara madwar sentejn u nofs, huwa ha l-istess van ghand il-*mechanic* peress li kellu xi hsara fih. Kemm il-*mechanic* kif ukoll xerrej prospettiv tal-istess van sahhqu max-xhud li l-vettura ma kenitx tas-sena 1995. Ghalkemm kkonfronta lil *Charles Autodealer*, huwa ma tahx sodisfazzjon u ittenta jipprova jirranga mieghu izda kellu jirrikorri ghal ghajnuna tal-Avukat fejn bghatlu ittra u waqqaflu l-pagamenti peress li l-van kien inxtara bid-dejn.

---

[14] Dok AG6 – A folio 59

[15] Dok. AG8 – A folio 60

[16] Dok. AG9 – Ghalkemm fix-xhieda tieghu l-Ispettur Angelo Gafa` jixhed li l-*files* esebiti u dan jirrizulta ukoll mil-verbal tas-26 ta' Ottubru 2004 (A folio 70) dawn ma jinsabux esebiti in atti

[17] A folio 63 sa 64 tal-process

Sussegwentement *Charles Autodealer* baghat lix-xhud ghand *Montebello Enterprises Ltd* fejn tkellem ma' Carmelo Montebello u informah li ghalkemm huwa kien importah, il-van kien tas-sena 1991 u ma kellux x'jaqsam ma din il-kwestjoni. Ix-xhud spjega li huwa rega' kellem lil *Charles Autodealer* fejn informah b'dak li kien qallu Charles Montebello u li ma riedx ikollu aktar x'jaqsm mieghu izda kien ser ihalli kollox f'idejn l-Avukat.

Huwa stqarr li kien mar id-Dipartiment tal-Licenzji sabiex jara d-dokumenti relattivi ghall-istess van kif ukoll il-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

**PC 1226 Joseph Cutajar**[18], stazzjonat *Economic Crimes Unit*, xehed fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2005 fejn muri l-Istqarrija ta' Joseph Montebello u John Farruga huwa ikkonferma li fil-prezenza tieghu huma inghataw is-solita twissija u irrilaxxaw l-stqarrijiet filwaqt li gharaf l-firma tal-Ispettur Angelo Gafa', il-firma tieghu u taz-zewg imputati Montebello u Farrugia.

**PS 1124 Vincent Micallef**[19], stazzjonat *Economic Crimes Unit,* xehed fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2005 fejn muri l-Istqarrija ta' Angelo Montebello huwa ikkonferma li fil-prezenza tieghu huwa inghata s-solita twissija u irrilaxxja l-istqarrija filwaqt li gharaf l-firma tal-Ispettur Angelo Gafa', il-firma tieghu u tal-imputat Montebello.

**Kenneth Azzopardi**[20], *Software Developmer MITTS,* xehed fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2005 fejn spjega li Dipartiment jghaddi isem, kunjom u l-karta tal-identtia` ta' persuna sabiex jinholoq *user name* skont l-ewwel erba' (4) ittri tal-kunjom u l-ewwel (1) ittra tal-isem kif ukoll *password*.

[18] A folio 74 sa 76 tal-process
[19] A folio 76 sa 77 tal-process
[20] A folio 78 sa 81 tal-process

Ix-xhud sahaq li l-*MITTS* ma jkollhoms access ghal *passwords* sussegwenti li jinholqu, fejn il-persuna biss tista' taccedi s-sistema tramite il-*username* kif ukoll il-*passwords* sakemm ma tkunx ghaddiet l-informazzjoni lil terzi.

Mistoqsi dwar il-username *SALIM 004* ix-xhud ikkonferma li dan kien jappartejni lil Mildred Saliba li tahdem fid-Dipartiment tal-Licenzji.

**Silvana Bartolo**[21], *Assistant Director* fi hdan il-*Licensing and Testing Directorate*, xehdet fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2005 fejn spjegat li fuq talba tal-Ispettur u zewg Pulizija li marru fuq il-post fir-rigward tal-investigazzjoni relatata ma vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBB-603 mill-*file* irrizulta li l-*log book* Gappuniz u t-traduzzjoni ghal lingwa Ingliza s-sena ta' manifattura tal-vettura kienet 1991 filwaqt li fuq l-ewwel l-*log book* Malti is-sena ta'manifattura kienet l-1995. Sussegwentement hija accessat il-*computer* minhabba din id-diskrepanza u irrealizzat li ghal xi raguni s-sena ta' manifattura inbiddlet fit-tielet (3) fazi mill-*username SALIM 004* li kien jappartjeni lil Mildred Saliba. Hekk kif il-Pulizija raw li anke l-polza ta' assikurazzjoni kienet tirrifletti s-sena skorretta u cioe' l-1995, huma estendew l-investigazzjoni taghhom ghal aktar *files* fejn kollha irrizultaw li fit-tielet (3) fazi kienet inbidlet is-sena ta' manifattura.

In kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li kif tasal vettura mill-Gappun u cioe' pajjiz barra l-Unjoni Ewropeja din tidhol mill-ewwel id-Dwana fejn il-vettura tigi valutata, dak iz-zmien tal-kaz odjern l-ispezzjoni kienet issir mill-Pulizija Ezekuttiva. Hija sahhqet ukoll li meta vettura tigi importata, jigi ipprezentat il-*log book* Gappuniz kif ukoll verzjoni bl-Ingliz u *invoice* fid-Dipartiment ikkoncernat fejn f'dan il-kaz id-data

[21] A folio 82 sa 89 tal-process

ta' manifattura kienet l-1991. Ix-xhud spjegat ukoll li f'dan id-dokument ma kien hemm assolutament xejn skorrett.

**WPC 177 Audrey Mizzi**[22], stazzjonata *Money Laundering*, xehdet fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2005 fejn murija l-Istqarrija ta' Joanne Farrugia Montebello hija ikkonfermat li fil-prezenza taghha rilaxxjat l-istqarrija filwaqt li gharfet l-firma tal-Ispettur Angelo Gafa', il-firma taghha u ta' Farrugia Montebello.

**WPC 146 Joanne Scicluna**[23], stazzjonata *Vice Squad*, xehdet fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2005 fejn murija l-Istqarrija ta' Mildred Pace hija ikkonfermat li fil-prezenza taghha hija inghatat is-solita twissija u irrilaxxjat l-istqarrija filwaqt li gharfet il-firma tal-Ispettur Angelo Gafa', il-firma taghha u ta' Pace.

**Louis Herbet Saliba**[24], xehed fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2005 fejn spjega li huwa proprjetarju ta' *Toyota Pick Up* tal-kulur abjad mixtri mis-socjeta` *Montebello Enterprises Limited* f'Settembru tal-1998 bi tpartit ma' vettura tal-1993 peress li l-van kien aktar modern, tas-sena 1994. Wara ftit xhur ix-xhud spjega li ngibditlu l-attenzjoni li filfatt il-van kien tal-1991 u mhux tal-1994. Huwa cempel lil Charles Montebello u mar ikellmu fl-ufficcju tieghu flimkien mal-mara fejn dan serrahlu rasu li filfatt kien hemm zball fuq il-*log book* u li l-van kien immanifatturat fl-1994. Sahansitra talbu sabiex iffittex fuq it-*tag* li tkun imwahhla mas-*safety belts* li turi d-data ta' manifattura izda din it-*tag* ma sabiex. Di fatti kien l-Ispettur li urieh l-*logbook* originali bid-data ta' manifattura Marzu 1991.

[22] A folio 91 sa 92 tal-process
[23] A folio  93 sa 94 tal-process
[24] A folio 95 sa 98 tal-process

**Carmelo Attard**[25] fis-seduta tad-19 ta' April, 2005 ghazel li ma jixhidx peress li huwa l-kugin tal-imputat Angelo Montebello u b'konsegwenza huwa qarib tal-imputati l-ohra.

**Stephen Abela**[26] xehed fis-seduta tad-19 ta' April, 2005 fejn spjega li huwa proprjetaru tal-vann bin-numru ta' registrazzjoni FBH-992 li huwa kien xtara minghand *Montebello Enterprises Limited* fl-1998 bis-sena ta' manifattura 1995 skont il-*logbook* fl-ammont ta' tlett elef u mitt Lira Maltin (Lm3,100) bi tpartit ma' *Ford Escort* li gie stmat ghal valur ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800). Huwa xehed li kien l-Ispettur Angelo Gafa li informah li s-sena ta' manifattura tal-istess van kienet l-1989 u konsegwentement stqarr li ma kienx ihallas daqshekk tieghu kieku kien jaf li l-van kien daqshekk antik.

**Joseph Sammut**[27] xehed fis-seduta tad-19 ta' April, 2005 fejn spjega li huwa proprjetarju ta' van tat-tip *Toyota* bin-numru ta' registrazzjoni JBB-601 mixtri minghand Charles Montebello ta' *Montebello Enterprises Limited* fl-1999 fejn skont il-*logbook* is-sena ta' manifattura hija 1995. Huwa stqarr li sar jaf li l-van ma kienx mmanifatturat fl-1995 meta mar jixtri l-*parts* minghand it-*Toyota* fejn hekk kif tahom ic-*chassis number* qalulu li l-van kien tal-1993. Ghalkemm ix-xhud spjega li ma ghamel xejn f'dan ir-rigward huwa sahaq li hassu ingannat ghax ma kienx ihallas l-istess prezz ghal van li kien eqdem milli mahsub.

**Joseph Baldacchino**[28] xehed fis-seduta tad-19 ta' April, 2005 fejn spjega li xtara van bin-numru ta' registrazzjoni JMB-004 minghand *Montebello Enterprises Limited* fl-1997, liema van kien partu ma van iehor aktar antik li ukoll kien xtrah minghand l-istess socjeta`. Xi zmien

---

[25] A folio 112 sa 113 tal-process
[26] A folio 114 sa 115 tal-process
[27] A folio 116 sa 117 tal-process
[28] A folio 119 sa 120 tal-process

wara x-xhud stqarr li l-Ispettur Angelo Gafa' informah li l-vann ma kienx tal-1995 ghalkemm id-dokumenti fil-pussess tieghu kienu juru li filfatt il-van kien immanifatturat f'dik is-sena. Huwa zied jghid li ftit wara li xtara l-van persuna gibditlu l-attenzjoni meta rat is-*seat belts* li l-van kien tal-1992. Sussegwentement ikkonfronta lill-imputat Charles Montebello f'dan ir-rigward fejn qallu li seta` kien il-kaz li s-s*eat belts* kellhom xi hsara u inbiddlu.

**Kevin Mifsud**[29] xehed fis-seduta tad-19 ta' April, 2005 fejn spjega li huwa proprjetaru ta' van bin-numru ta' registrazzjoni HAP-796 mixtri minghand l-imputat Charles Montebello ta' *Montebello Group*, madwar seba' (7) snin ilu fl-ammont ta' sitt elef u hames mitt Lira Maltin (Lm6,500) fejn mill-*log book* irrizulta li l-van gie mmanifatturat fis-sena 1993. Huwa stqarr li kien l-Ispettur Angelo Gafa' li urieh il-*logbook* tal-Gappun fejn irrizulta li l-van kien filfatt immanifatturat fis-sena 1989. Huwa kompla jispjega li meta z-zewg *logbooks* gew imqabbla d-dettalji kollha qablu ghajr ghad-data ta' manifattura.

**Ian Farrrugia**[30] *Executive Officer* mal-Ministeru tal-Industrija, Investiment u Teknologija, xehed fis-seduta tad-19 ta' April, 2005 fejn spjega li fl-1998 kien impjegat fid-Dipartiment tal-Licenzji tal-Vetturi godda kif ukoll *second hand*, responsabbli ghar-registrazzjoni tal-vetturi. Huwa stqarr li meta kien jiffirma bhala *witness to signature* fuq id-dokumenti relatati mal-licenzji, l-iskop tal-firma kienet limitata ghal fatt li qieghed jircievi t-taxxa relattiva. Huwa zied jghid li Mildred Pace kienet kollega tieghu filwaqt li l-imputat John Farrugia kien gieli mar ghandu bid-dokumenti mehtiega sabiex issir ir-registrazzjoni tal-vetturi.

[29] A folio 121 sas 122 tal-process
[30] A folio 123 sa 124 tal-process

**Nota ta' rinviju fejn l-Avukat Generali hareg l-Artikoli dwar l-akkuzi addebitati lill-imputati[31]**

Illi fis-06 ta' Gunju 2005, l-Avukat Generali baghat Nota ta' rinviju ghall-gudizzju li permezz taghha baghat lill-imputati sabiex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

Fil-konfront ta' **-omissis-**:
Fil-konfront ta' **-omissis-** u –**omissis-**
Fil-konfront ta' **Carmelo Montebello**, **Joseph Montebello** u **Angelo Montebello**

(a) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 18 u 186 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 18 u 189 tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikoli 18 u 183 tal-Kodici Kriminali;
(e) fl-artikoli 18 u 184 tal-Kodici Kriminali;
(f) fl-artikoli 18 u 297 tal-Kodici Kriminali;
(g) fl-artikoli 18 u 188 tal-Kodici Kriminali;
(h) fl-artikoli 121D tal-Kodici Kriminali;
(i) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2005[32], l-Ispettur Angelo Gafa talab ghas-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' Mildred Pace, Giovanna Farrugia Montebello u John Farrugia. Il-Qorti laqghat it-talba.

**Mildred Pace**[33] xehdet fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007 fejn spjegat li hija kienet impjegata mad-Dipartiment tal-Licenzji, illum ADT

[31] A fol 130 sa 132 tal-process
[32] A folio 134 sa 135 tal-process

responsabbli ghar-registrazzjoni ta' vetturi godda u dawk *second hand* importati mill-Gappun.

Ix-xhud stqarret li John Farrugia kien jmur fl-istess Dipartiment fejn mieghu kien igib ic-certifikat tal-assikurazzjoni tal-vetturi *second hand* u jitlobha sabiex tirranga s-sena ta' manifattura halli tigi ekwivalenti ghal dik fuq l-istess certifikat tal-assikurazzjoni. Mistoqsija kenitx tressaq id-data ta' manifattura 'l quddiem jew lura hija wiegbet:

> ***Xhud: Iktar lura, per ezempju, jien naf, let's say fuq ic-certifikat kient tkun 89, ma nithakarx ezatti d-dati, u fuq l-insurance kienet tkun 91, let's say.***

Ix-xhud sahhqet li hi stess kienet tirranga d-dati fizikament fejn bhala forma ta' ringrazzjament kienet tircievi minghand John Farrugia, "*hobza u coca, u xejn flus*[34]" izda sussegwentement hija tghid, "*...lili kull ma kienx jaghtini, kien jitfghali taht il-counter xi 23 cents mhux iktar u hobza u coca gieli kien igibli*."

Ghalkemm ma kenitx certa hija stqarret li bidlet id-data ta' manifattura fuq madwar sitta u erbghin (46) vettura, izda sahhqet li dan sar fuq medda ta' zmien u mhux f'gurnata wahda.

**John Farrugia**[35] impjegat m'agenzija assigurattiva, xehed fis-26 ta' Novembru, 2009 fejn spjega li huwa kien impjegat mas-socjeta` Montebello fis-snin 1998 u 1999 li kienet tappartjeni lil missier martu, l-imputat Angelo Montebello izda immexxija minn ibnu l-imputat Charles Montebello fejn xoghlu kien inaddaf il-vetturi u jigbor il-licenzji.

---

[33] A folio 158 sa 163 tal-process
[34] A folio 161 tal-process
[35] A folio 202 sa 218 tal-process

Ix-xhud ikkonferma li l-imputat Charles Montebello kien jiehu hsieb l-importazzjoni tal-vetturi mill-Gapan filwaqt li hu kien imur jirregistra l-istess vetturi l-ADT fejn ghalkemm kien hemm tlett (3) impjegati li setghu jaqduh il-bicca 'l kbira kienet taqdih persuna bl-isem ta' Mildred Pace.

Huwa spjega li mieghu l-ADT kienu jiehu xi dokumenti sabiex jirregistra l-vetturi fosthom il-*log book* mahrug mill-Gappun li fih kien ikollu d-dettalji kollha tal-vettura precizament id-data ta' manifattura tal-vettura fejn, "*Charles Montebello kien jistaqsini jekk tistax Mildred Pace tirrangah*[36]" Mistoqsi f'liema sens tirrangah wiegeb:

***Xhud: Flok taghmlu 97 taghmlu 99, jien kont nistaqsiha, peress li jien kont nahdem maghha nghidilha tista' int tirrangahuli, tghidli mhux problema, nghidilha alright mela.***

***Qorti: U kien johrog il-logbook bis-sahha t'hekk?***

***Xhud: Minflok tal-Gapan kien johrog ta' Malta u minflok 96 kien jigi 99.***

***Qorti: Issa, il-logbook ta' Malta bhal data kien jaqbel mal-logbook tal-Gapan?***

***Xhud: Le ma kienx jaqbel.***

***Pros: Mela qed nifhem sew li d-data kienet timxi 'l quddiem?***

***Xhud: Iva***

[36] A folio 211 tal-process

John Farrugia spjega li l-ghan wara t-tibdil fid-data tal-manifattura tal-vettura:

> ***Qorti: Min jara dak il-logbook u sa jixtri karozza***
>
> ***Xhud: Jghid ahjar ghax moderna iktar.***

L-istess xhud spjega ukoll kif huwa kien ihallas lil Mildred Pace fuq struzzjonijiet ta' Charles Montebello:

> ***Pros: … Issa, u din b'xejn kienet taghmilhom Mildred Pace? Hawnhekk qed nitkellmu fuq tbaghbis ta' year of manufacture, ta' xejn kienet taghmilhom?***
>
> ***Xhud: Jiena kien jaghtini… two pounds, one pound, three pounds, four pounds – daqshekk.***
>
> ***Pros: Mela Charles Montebello kien jaghtik dawn il-flus biex tghaddilhom lil Mildred Pace ghal dan l-iskop?***
> ***Xhud: Ehe***

John Farrugia spjega ukoll li din il-procedura saret kemm-il darba fuq diversi vetturi. Huwa kkonkluda jghid li l-istess Mildred Pace kienet tirranga s-sena ta' manfiattura fuq il-*log book* mahrug mil-ADT skont id-data ta' manifattura imnizzla fuq ic-certifikat tal-assikurazzjoni kif ipprovdut minnu stess fuq struzzjonijiet ta' Charles Montebello sabiex ma jkunx hemm diskrepanza fuq id-data ta' manifattura tal-vettura bejn ic-certifikat mahrug mis-socjeta` assikurattiva u l-*log book* mahrug mill-ADT.

**Angelo Montebello**[37] Direttur tas-socjeta *Montebello Enterprises Limited* xehed fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2011 fejn spjega li illum il-gurnata huwa pensjonant ta' erbgha u sebghin (74) sena u kien jiehu hsieb l-importazzjoni tal-vetturi ferm qabel ma nqalghet il-kwestjoni mertu ghal kaz odjern. Di fatti huwa ikkonferma li kien ibnu li jiehu hsieb dan it-tip ta' xoghol.

Huwa sahaq li dejjem ta' struzzjonijiet sabiex jahdmu bis-sewwa fejn sahanistra ta ordnijiet sabiex, "*jaghmlu s-sewwa ghax jiena dejjem zammjet il-valur li kelli, ghax jien ilni miftuh hemmhekk jigifieri, dejjem kelli nizzuuhajr l-Alla kondotta tajba hafna u ghad ghandi s'issa*[38]"

In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li fis-sena 1998 u 1999 kien jokkupa l-pozizzjoni ta' Direttur fis-socjeta` *Montebello Enterprises Ltd*.

**L-Istqarrijiet**

Illi in vista tas-sentenza ricenti tal-Qorti Ewropea **Farrugia vs Malta** deciza fl-04 ta' Gunju 2019, il-Qorti tinnota li ai termini ta' l-istess sentenza  l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati lill-Pulizija u dak li inghad fihom u li sar riferenza ghalihom fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni m'ghandhomx jigu awtomatikament skartati u dan minkejja li meta ttiehdu dawn l-istqarrijiet l-imputati ma nghatawx zmien jikkonsultaw ruhhom ma' avukat qabel kellmu lill-Pulizija. Dana ma setax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioe' fis-sena 2004, ma kinitx taghti d-dritt lill-imputati jaghmlu dan. Izda, skont l-istess sentenza, l-Qorti ghandha tara u tizen l-'overall picture' tal-kaz b'mod illi tikkunsidra l-kaz holistikament u fid-decizjoni taghha tuza "an overall fairness approach". Dan qieghed jinghad in vista tal-fatt illi tali sentenza allura

[37] A folio 233 sa 236 tal-process
[38] A folio 234 tal-process

timpingi fuq dak li kien qieghed jigi deciz mill-Qrati taghna fis-snin ricenti fejn stqarrijiet mehuda minghajr l-assistenza ta' avukat kienu qed jigu dikjarati inammissibbli u konsegwentament skartati mill-Qorti.

**Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni**

Illi l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni mressqa mill-imputati gia giet deciza bis-sentenza preliminari tat-12 ta' Lulju 2018 u l-Qorti m'ghandha xejn x'izzid f'dan ir-rigward.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti processwali u qieset in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-28 ta' April 2011[39], in-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' Angelo Montebello tas-27 ta' Mejju 2011[40], in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Carmelo Montebello u Joseph Montebello tas-27 ta' Mejju 2011 u semghet ukoll is-sottomissjonijiet orali ulterjuri tal-partijiet fis-seduta tad-19 ta' Frar 2019.

<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>

<u>Artikolu 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u> illum jaqraw hekk:

> ***308.*** *Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża'*

[39] A folio 248 sa 271 tal-process
[40] A folio 272 sa 274 tal-process

*dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.*[41]

***309.*** *Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.*[42]

L-imputati qeghdin b'mod ewlieni jigu akkuzati bir-reat ta' frodi a tenur tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kodici Kriminali a dannu ta' Armando Bugeja, Louis Herbert Saliba, Joseph Sammut, Joseph Baldacchino u Kevin Sammut. Fil-kwalita` taghhom ta' Diretturi tas-Socjeta` *Montebello Enterprises Limited* l-imputati bieghu vetturi importati mill-Gappun meta kienu ben konsapevoli li s-sena ta' manifattura fuq il-*log book* mahrug mid-Dipartiment tal-Licenzji kienet wahda skorretta u ma tirriflettix l-verita` konsegwenza ta' liema l-imputati inducew lil klijenti taghhom sabiex ihallsu aktar flus ghal vetturi li jgibu inqas valur peress li kienu manifatturati ferm qabel d-data indikata fuq il-*logbook.*

Fil-gurisprudenza u s-sentenzi tal-Qrati Maltin gie ritenut konstantament l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' frodi fosthom fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maria Xuereb et**[43]:

*"...sabiex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-*

[41] Fiz-zmien li allegatament sar ir-reat u cioe fis-snin 1998 u 1999, il-piena preskritta mil-ligi taht l-Artikolu 308 kienet "minn erba' xhur sa sena".
[42] Fiz-zmien li allegatament sar ir-reat u cioe fis-snin 1998 u 1999, il-piena preskritta mil-ligi taht l-Artikolu 309 kienet "minn xahar sa tlett xhur".
[43] Appell Kriminali Numru: 131/2015 Deciza 22 ta' Settembru 2016 Onor. Imhallef Edwina Grima,

*suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza l-**Pulizija vs Charles Zarb**[44] ghamlet esposizzjoni dettaljata ghar-rigward tal-elementi tar-reat in kwestjoni:

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-perm fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi.....".*

Minn studju approfondit jidher ampjament car li minn skorta ta' sentenzi, il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin baqghat kostanti fuq l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa:

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

[44] Appell Kriminali Deciza 22 ta' Frar 1993 Onor. Imhallef Carmel A. Agius

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

> […]Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi, "*hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn appart estern li jsahah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat*" Din it-tezi hija dik accettata fil-

gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kollegjalment komposta fil-kawza **Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech**[45] li fiha intqal:

> *"quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

Il-ligi hawnhekk kif spjegat mill-Imhallef Guze' Flores fis-sentenza kkwotata mill-Qorti tal-Appell aktar 'l fuq[46] *"taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.*

Dwar l-element formali tar-reati ta' truffa u cioe' id-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa l-Imhallef Guze Flores kellu dan xi ighid:

*"....jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konzju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod illegittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

---

[45] 3 ta' Jannar 1986 – Kollez. XV.350
[46] Pulizija vs Charles Zarb

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell li ccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu invarjati fiz-zmien.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale[47] gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa "*l'elemento del'danno patrimoniale*" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente*."

Illi fir-rigward tal-element soggettiv tar-reat ta' truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**[48]:

*"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato"*

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"*raggiri*" jew *l-"artifizji",* huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid

[47] Cassazione penale sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179
[48] Appell Kriminali Deciza 22 ta' Ottubru 2004 Onor.Prim' Imhallef Vincent De Gaetano

bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmela German**[49] gie deciz*:*

*"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Il-Qrati taghna ghamlu wkoll distinzjoni bejn id-delitt ta' frodi (truffa) ex artikolu 308 u dak ta' frodi innominata ex artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, jew ahjar il-frodi meta jsir bir-raggiri u artifizi kontra dak li jsir b'qerq ta' xorta ohra kif jidher car mis-segwenti bran mis-sentenza fl-ismijiet il**-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby**[50]:

*"Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga ghaliha li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent (Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul, App Krim., 20/6/97; ara ukoll Il-Pulizija vs Daniel Frendo, App Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis App. Krim., 12/12/59, Vol XLIII.iv.1140). Jekk l-*

[49] Appell Kriminali Inferjuri Numru: 130/2003 Deciz: 30 ta' Dicembru 2004 Onor Prim' Imhallef Vincent De Gaetano
[50] Appell Kriminali Deciza: 12 ta' Frar 1999

*ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artfizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en secene – ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara fost ohrajn, Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol XLIII.iv.1137; Il-Pulizija vs Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer, App Krim., 3/3/56"*

Illi fuq il-fattispejce jidher illi Carmelo Montebello fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ta' *Montebello Enterprises Limited* ta' struzzjonijiet lil impjegat tieghu John Farrugia, ir-ragel ta' ohtu Joanne Farrugia Montebello sabiex is-sena fuq il-*log book* originali ta' diversi vetturi importati mill-Gappun tinbidel fuq il-*log book* mahrug mid-Direttorat tal-Licenzji skont is-sena indikata fuq ic-certifikat mahrug mis-socjeta` assikurattiva. Dan ma setax isir minghajr l-ghajnuna ta' impjegata tal-istess Direttorat, Mildred Pace li meta hadet il-pedana tax-xhieda stqarret li kienet tirranga s-sena ta' manifattura fuq il-*log book* skont l-istruzzjonjiet moghtija mill-istess John Farrugia meta kien imur jirregistra l-vetturi in kwestjoni gewwa d-Direttorat, in skambju Mildred Pace irceviet rigali f'diversi okkazjonijiet.

Il-Qorti temmen il-verzjoni ta' John Farrugia u ta' Mildred Pace. Fir-rigward tal-verzjoni moghtija minn Armando Bugeja, Louis Herbert Saliba, Joseph Sammut, Joseph Baldacchino u Kevin Sammut hija kompletament konvinta minn dawk li huma rrakkontaw meta xtraw il-vetturi minghand l-imputat Carmelo Montebello in rapprezentanza ta' *Montebello Enterprises Limited*. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju, li tenut kont ta' dak li inghad hawn fuq, l-imputat Carmelo Montebello jinkwadra f'dak li qieghed jigi akkuzat bih taht l-ewwel (1) imputazzjoni. Dan ma japplikax fir-rigward tal-imputati Joseph u Angelo Montebello kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel.

**<u>Ir-raba', il-hames u t-tieni imputazzjoni</u>**

<u>(Artikolu 183 u 184 u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u> jaqraw hekk:

***183.*** *Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*

***184.*** *Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni.*

***186.*** *Kull min xjentement jagħmel użu minn wieħed mid-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena stabbilita għall-awtur.*[51]

Illi fir-rigward tar-raba (4) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

[51] Ma kienx hemm bdil fil-piena stabbilita taht l-Artikli 183, 184 u 186 mis-snin 1998 sal-lum, u ghalhekk il-piena applikabbli fiz-zmien tal-allegat reat taht dawn l-Artikli hija l-istess bhal tal-lum.

*"Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq […]"*

Il-Qorti tinnota li kienet Mildred Pace li biddlet is-sena ta' manifattura tal-vetturi in kwestjoni fuq il-*log books* mahrugin mid-Direttorat tat-Trasport u ghalhekk ir-raba' imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati ma tirrizultax.

Illi fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li din temergi minn Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jghid is-segwenti:

"*Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel […]"* Dan l-Artikolu jirrigwarda "*Min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz*"

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni l-Artikolu 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

*Kull min xjentement jagħmel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, jehel, meta jinsab hati, l-istess piena stabbilita ghall-awtur.*

Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputat Charles Montebello kien xjentement jaf li qed jaghmel uzu minn dokument iffalsifikat. Qed jinghad 'xjentement' stante li l-ligi tirrikjedi li l-persuna trid tkun xjentmenet taf li dak id-dokument huwa falsifikat. Anzi li hu zgur hu li kien l-istess Charles Montebello li ta struzzjonijiet lil impjegat tieghu sabiex Mildred Pace tbiddel is-sena ta' manifattura fuq l-vetturi importati minnu fil-kwalita` ta' Direttur tas-socjeta` Montebello

Enterprises Limited u ghalhekk minghajr ombra ta' dubju ghandha tinsab htija fl-imputat Charles Montebello biss fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet. Dan ma japplikax fir-rigward tal-imputati Joseph u Angelo Montebello kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel.

<u>**Is-sitt (6) imputazzjoni**</u>

<u>Artikolu 297 tal-Kodici Kriminali</u> jaqra hekk:

> ***297.*** *Kull min billi jagħmel użu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi ħsieb ta' qligħ, jikteb fuqha xi ħaġa li tkun ta' ħsara għal persuna oħra, jew, bl-istess ħsieb, iżid fuq karta mhix in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.*[52]

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li l-imputati effettivament huma hatja tas-sitt (6) mputazzjoni u cioe' tar-reat ta' abbozz ta' karta in bjank jew xort' ohra kontemplat fl-Artikolu 297 tal-Kodici Kriminali, dan stante li ma ngabet l-ebda prova li kienu l-imputati nfushom li wettqu xi tibdil f'xi dokument.

<u>Is-seba' (7) u t-tielet (3) imputazzjoni</u>

<u>L-Artikolu 188 u 189 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u> jaqraw hekk:

> ***188.*** *(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew*

---

[52] Fiz-zmien li allegatament sar ir-reat u cioe fis-snin 1998 u 1999, il-piena preskritta mil-ligi taht l-Artikolu 308 kienet "minn seba' xhur sa sentejn".

*jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*

*Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*

*(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.*

***189.** Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.*[53]

Illi taht is-seba' (7) u t-tielet (3) imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati bir-reat li jirrigwarda dikjarazzjoni falza jew taghrif falz:

Illi l-Qorti ser taghmel referenza ghas-sentenza l-**Pulizija vs Anton Vassallo**[54] fejn il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal sentenza ohra spjegat id-differenza bejn l-Artikolu 188 u l-Artikolu 189 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falista` materjali.*

---

[53] Ma kienx hemm bdil fil-piena stabbilita taht l-Artikli 188 u 189 mis-snin 1998 sal-lum, u ghalhekk il-piena applikabbli fiz-zmien tal-allegat reat taht dawn l-Artikli hija l-istess bhal tal-lum.

[54] Appel Kriminal Inferjuri Deciza: 4 ta' Gunju 2008

*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Galea moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz ta' falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penalie – Parte Speciale II (Giufre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Mazini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*

*Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falista` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikajrazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op, cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik etc."*

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kolli li nghad hawn fuq, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li jirrizulta sodisfacentement pruvat li

Carmelo Montebello kien il-mohh wara dak kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ir-reat li jikkostitwixxi l-"*falsita' ideologika*" fejn il-*log book* mahrug mid-Direttorat tal-Licenzji, ghalkemm genwin "*gie ffalsifikat fis-sustanza*". Proprju ghalhekk li l-Qorti ma jibqghalha ebda dubju li ghandha tinsab htija fl-imputat Carmelo Montebello fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni izda tilliberah mit-tielet (3) imputazzjoni. Dan ma japplikax fir-rigward tal-imputati Joseph u Angelo Montebello kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel.

**<u>It-tmien imputazzjoni</u>**

<u>(L-artikolu 121D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>

Illi l-artikolu 121D tal-Kodici Kriminali kif jaqra illum jghid is-segwenti:

"*Meta reat taht dan it-titolu gie mwettaq minn persuna li dak iz-zmien tal-imsemmi reat tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi ufficjal principali iehor ta' korp maghqud jew tkun persuna li jkollha s-setghat ta' rapprezentanza ta' dak il-korp jew li ikollha l-awtorita` li tiehu decizjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorita` li tezercita kontroll fi hdan dak il-korp u r-reat imsemmi li dwaru tkun instabet hatja dik il-persuna, jkun kollu jew f'parti minnu, sar ghall-beneficcju ta' dak il-korp maghqud, dik il-persuna ghandha ghall-ghanjiet ta' dan it-titolu titqies bhala li tkun viestita bir-rappresentanza legali tal-istess korp maghqud...*"[55]

Din il-Qorti ma taqbilx kompletament mat-tezi tal-Prosekuzzjoni li, "*il-percimes ta' din l-iskema frawdolenti kien l-imputat Carmelo sive*

[55] Dan l-Artikolu dahal fis-sehh b'emenda tramite l-Att 111 tal-2002.

*Charles Montebello*[56],” izda tkompli tghid li, “*l-ebda wiehed miz-zewg diretturi l-ohra ossia l-imputati Joseph Montebello u Carmelo Montebello*[57] *ma gab xi prova li ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil tar-reati li qed jigi akkuzat bihom*[58]”.

Izda kif sahhqet id-difiza ghalkemm ma hux kontestat li kemm Angelo Montebello kif ukoll Joseph Montebello kienu d-direttur tas-socjeta` Montebello Enterprises Limited fid-data tar-reat in kwestjoni kif del resto jirrizulta mill-*Memorandum and Articles of Association*[59] tal-istess socjeta`, dan il-fatt ma jsegwix awtomatikament li huma iridu jigu misjuba hajta tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti kif jemergu mill-provi, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-imputati Joseph Montebello u Angelo Montebello kienu involuti fil-pjanifikazzjoni u l-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt u konsegwentement ma giex ppruvat kif korrettement tishaq id-difiza, “*l-mens rea, i.e. l-intenzjoni, l-element formali tar-reat.*[60]”

Il-Qorti thoss li se mai ghandu jinstab hati tat-tmien (8) imputazzjoni Carmelo Montebello biss. Pero fid-dawl tal-fatt illi dan l-Artiklu tal-Ligi gie introdott b’emenda li sehhet fil-ligi fis-2002 fejn gew inkluzi reati godda bl-Artikoli 121A sa 121J, la darba l-allegat reat sar fis-snin 1998 u 1999, meta allura dan ir-reat ma kienx jezisti, hawn ghandu japplika l-principju “*nullum crimen sine lege*” u konsegwentament l-imputat Carmelo Montebello lanqas ma jista’ jinstab hati ta’ fatt illi fiz-zmien li gie kommess ma kienx jikkostitwixxi reat.

---

[56] A folio 260 tal-process
[57] Zball da parti tal-prosekuzzjoni, l-isem ried ikun Angelo Montebello mhux Carmelo Montebello
[58] A folio 260 tal-process
[59] A folio 60 tal-process
[60] A folio 282 tal-process

**Decide:**

Konsegwentement, ghar-ragunijiet kollha fuq elenkati, m'hemmx dubju li m'ghandiex tinsab htija fl-imputati Joseph Montebello u Angelo Montebello tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront taghhom.

Fir-rigward tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tqabbdux esperti fil-proceduri odjerni u ghaldaqstant il-Qorti mhix tilqa' tali talba.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti (1) qeghda tillibera lill-imputati Joseph Montebello u Angelo Montebello mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u (2) qeghda ssib lill-imputat Carmelo Montebello hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, eskluzi l-imputazzjonijiet taht l-Artikolu 121D, l-Artikolu 183 u l-Artikolu 297 tal-Kodici Kriminali ghar-ragunijiet fuq spjegati, u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 184, 186, 188, 189 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-imputat Carmelo Montebello ghall-sena u nofs prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erba' snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Carmelo Montebello fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x'jigri f'kaz illi huwa jikser l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***
(ft)Angelo Buttigieg
Deputat Registratur